**MEJJU 2007** **NUMRU 221**

**Omm Qaddisa**
**tal-Kbir Alla**
**Taht il-Mant**
**Tiegħek nistkennu**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Ix-xahar ta' Mejju jwassalna sa għeluq iż-żmien ta' l-Għid il-Kbir, li tul il-ħamsin jum, nistgħu ngħidu li huma festa waħda. Il-festi kbar tul dawn il-ħamsin jum huma qishom jum wieħed.

Il-Qawmien ta' Ġesù, (l-Għid il-Kbir) ħa l-post ta' l-Għid tal-Lhud. Hija l-akbar festa għax Hija l-akbar prova tad-divinità ta' Ġesù. Erbgħin jum wara l-Qawmien nagħmlu l-festa tat-Tlugħ ta' Ġesù fis-sema. Imma Ġesù tassew li dam daqshekk ma tela' s-sema? Ngħidu tela' s-sema biex niftehmu ta' bnedmin li aħna. Żgur li Ġesù mal-mewt tiegħu l-Umanità tiegħu mill-ewwel bdiet tgawdi 'l Alla. ''Ilum tkun miegħi fil-Ġenna'' qallu lil-ħalliel it-tajjeb. ''Wara li kellimhom, kien meħud fis-sema, u qagħad fil-lemin ta' Alla''. Mk. 16, 19.

Għaxar tijiem wara t-Tlugħ fis-sema u ħamsin wara l-Qawmien, għandna festa kbira oħra, l-inżul ta' l-iSpirtu s-Santu fuq il-Knisja. Hawn ukoll irridu ngħidu li dak inhar li Ġesù qam mill-mewt lil Appostli tahom l-iSpirtu s-Santu, imma għal darb'oħra Ġesù ried li b'mod solenni, u miftuh issir din il-manifestazzjoni tal-qawwa ta' l-iSpirtu s-Santu fil-Knisja, il-bidla ta' l-appostli f'nies qaddisa, kuraġġużi u għorrief li dak il-ħin stess il-Knisja xterrdet fil-pajjiżi li minnhom kienu ġew għall-festa tal-Pentekoste Lhudija. U kif il-Għid il-Kbir ħa post l-Għid tal-Lhud, hekk l-Għid il-Ħamsin Nisrani ħa post l-Għid il-Ħamsin tal-Lhud.

Ma jistax li fix-xahar ta' Mejju ma nsemmix lil Madonna. Il-ġmiel tan-natura ta' dan ix-xahar ifakkarna fil-ġmiel tal-grazzja ta' Marija. Niftakru f'Marija biex nimitawha fil-virtujiet tagħha. . . .

Fl-ewwel tax-xahar, jaħbat l-45 anniversarju li Mons Arċisqof Gonzi, fada s-Segretarjat Assistenza Soċjali f'idejn l-Azzjoni Kattolika. Kemm ġid għamel is-Segretarjat, il-Mulej biss jaf u jalla jkompli fil-ħidma siewja fi ħdan l-Azzjoni Kattolika. . .

Fit-13 tax-xahar jaħbat l-20 anniversarju mill-mewt ta' Mons Mikiel Azzopardi li kien il-moħħ biex l-Azzjoni Kattolika waqqfet id-Dar tal-Providenza. . . .

U fid-9 tax-xahar ifakkarna fil-Beatu Ġorġ Preca. L-aħħar festa bħala Beatu, f'inqas minn xahar il-Knisja universali se tibda tqimu bħala qaddis . . .

Prosit liċ-Ċirkolu tan-Nisa ta' Bormla. Dan l-aħħar organizzaw irtiri, u żjarat fid-Dar Sagra Familja Naxxar, immexxija mill-Azzjoni Kattolika, żaru u taw għajnuna lid-Dar tal-Providenza u ta' l-impenn tagħhom biex iżommu ħaj, attiv u pulit iċ-Ċirkolu tagħhom. Grazzi ta' l-informazzjoni.

**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

April Kien Xahar sabiħ - Ix-xahar ta' April kien xahar sabiħ, mimli attivitajiet għall-Azzjoni Kattolika.
Moviment Għalliema - Fl-14 ta' April il-Moviment Għalliema flimkien mal-*Malta Union of Teachers* organizzaw laqgħa ta' l-għalliema ma' l-Arċisqof Mons. Pawl Cremona fil-Kulleġġ De La Salle, fil-Cottonera. L-Arċisqof ikkompona talba sabiħa ħafna għall-għalliema għal din l-okkażjoni. Billi ħafna minna nwasslu l-kelma ta' Alla b'xi mod jew ieħor se nikkwotà bit-tama li ħafna jgħiduha :

**"Mulej, Int għidtilna ''Imgħallem tagħkom wieħed hu.'' (Mt 23,8 )**
**Nirringrazzjak talli seħibtni f'din il-ħidma tiegħek għall-bnedmin.**
**Ibgħat l-iSpirtu s-Santu fuqi biex:**
**Ngħallem bil-fedeltà 'l verità li wrejtna Int, bla suppervja u egoiżmu;**
**Ngħallimha bl-istess imħabba li Int kellek lejn id-dixxipli tiegħek".**
**Arċisqof Pawl Cremona**

Il-Fergħa Nisa - 'L fuq minn erbgħa mitt mara ltaqgħu r-Razzett tal-Ħbiberija biex jiċċelebraw u jikkontemplaw il-virtujiet tal-kbira patruna tagħhom Santa Katerina. Il-mistieden għal din il-laqgħa kien Dumnikan bħal Santa Katerina, l-Arċisqof Pawl Cremona. Tistgħu taħsbu l-entużjażmu hekk kif l-Arċisqof Cremona daħal fis-Sala ippakkjata. Membru tal-kunsill tan-nisa ppreżentatlu inkwatru bl-immaġini ta' Santa Katerina mdawwar bil-fjuri tal-ganutel magħmulin kollha minn ħajt tad-deheb u inkwadrat bi *frame* oħxon indurat. Dan l-inkwatru ħadmitu hi stess.
Il-Kummissjoni Morda u Persuni b'Diżabilità - F'Ħadd il-Palm, Jum iż-Żgħażagħ, il-Kummissjoni Morda laqgħet iż-żgħażagħ morda jew bi bżonnijiet speċjali għal-quddiesa iċċelebrata minn Mons Deguara. Tistgħu timmaġinaw kemm ferħu fil-*party* u bil-bajda tal-Għid li taw lil kull wieħed u waħda minnhom u kemm żifnu u kantaw ma' Mary Rose u ma' Benny u Doreen.
Is-Segretarjat Assistenza Soċjali - Prosit lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-*Poster* mill-aktar attraenti li xerrdu mal-parroċċi kollha għal-Gimgħa ta' Sagrifiċċju. L-użanza li matul din il-Ġimgħa s-Segretarjat iħajjar in-nies għal xi sagrifiċċju li minnu jibbenefikaw dawk fil-bżonn, hi użanza sabiħa ħafna.
Ż.A.K. - Fost il-hafna attivitajiet li organizzaw iż-ŻAK matul dan ix-xahar nixtieq nifirħilhom b'mod speċjali għall-irtir u għal ħsieb sabiħ li matul l-irtir jagħmlu adorazzjoni tnejn tnejn matul il-lejl kollu. Mhux ta' b'xejn qegħdin jiġbdu l-b arka ta' Alla fuqhom.
**Joyce Pullicino President Ġenerali**

## Fergħa Rġiel

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa,11 ta' Mejju 2007** | **Ċenaklu fid-6.00 p.m. Sala Dandria, Istitut Kattoliku** |
| **It-Tnejn, 21 ta' Mejju 2007** | **Laqgħa tal-Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m.** |
| **Il-Ħadd, 20 ta' Mejju 2007** | **Irtir Ċentrali - fid-9.15 a.m. Dar Familja Mqaddsa – Naxxar** |

## Fergħa Nisa

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis, 10 ta' Mejju 2007** | **Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m.** |
| **Il-Ġimgħa, 11 ta' Mejju 2007** | **Ċenaklu fis-6.00 p.m. Sala Dandria, Istitut Kattoliku** |
| **Il-Ħamis, 24 ta' Mejju 2007** | **Laqgħa Formattiva għal membri tal-Kunsill** |
| **L-Erbgħa, 30 ta' Mejju 2007** | **W.U.C.W.O. Day, Parroċċa Madonna Ta' Lourdes Paola fl-9.45a.m.** |
| **Il-Ħamis, 5 ta' Ġunju 2007** | **Ħarġa għal Għawdex għar-Romol** |
| **Il-Ħamis, 14 ta' Ġunju 2007** | **Kunsill Ċentrali, Programm għas-Sena Soċjali 2007/2008** |

## Fergħa Xebbiet Adulti

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2007** | **Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m.** |
| **Il-Ġimgħa,11 ta' Mejju 2007** | **Ċenaklu fis-6.00 p.m. Sala Dandria, Istitut Kattoliku** |
| **L-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2007** | **Laqgħa speċjali għall-Membri kollha fis-6.00 p.m. Kelliem: Mons. Paul Vella** |
| **Il-Ħadd, 20 ta' Mejju 2007** | **Irtir Ċentrali. Dettalji jingħataw f'Cirkulari.** |

**Nota: Inħeġġu lill-membri kollha biex fil-laqgħat ta' kull Ġimgħa jgħidu r-Rużarju qabel jew wara l-laqgħa.**

## Gruppi Koppji Miżżewġin

**Il-Ġimgħa,11 ta' Mejju 2007 Ċenaklu fis-6.00 p.m. Sala Dandria, Istitut Kattoliku**
**Nawguraw Jum mill-Isbaħ lill-Ommijiet kollha nhar il-Ħadd 13 ta' Mejju u nitolbu lil Madonna li bħala Omm tieħu ħsieb il-familji tagħna.**
**Carmen u Joe Agius Delicata**

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

**Ħatra ta' żewġ Social Workers fuq bażi Part-Time**
Il-Kunsill tas-Segretarjat Assistenza Soċjali (SAS) ta' l-Azzjoni Kattolika għandu pjaċir iħabbar il-ħatra ta' żewġ Social Workers ġodda ma' l-istess SAS. Dawn huma s-Sinjorina Mari Testa u s-Sur Andrea Vella. Huma se jimlew post Sister Rose Rizzo li issa għandha kariga ġdida fi ħdan il-kongregazzjoni

tagħha tas-Sorijiet tal-Karità. Kif tafu, barra dawn is-social workers hemm diġà social worker ieħor, is-Sur Tony Mifsud u tliet care-workers.
Il-Preżenza tas-Social Workers fl-Uffiċċju SAS se tkun hekk:-

| | |
|---|---|
| IT-TNEJN FILGĦODU | Miss Mari Testa |
| IT-TLIETA FILGĦODU | Is-Sur Tony Mifsud |
| L-ERBGĦA U L-ĦAMIS | Miss Testa u s-Sur Mifsud (jalternaw) |
| Il-ĠIMGĦA FILGĦODU | Miss Testa u s-Sur Mifsud |
| IS-SIBT FILGĦODU | Is-Sur Andrea Vella |
| IT-TLIETA FILGĦAXIJA | Is-Sur Vella |
| L-ERBGĦA FILGĦAXIJA | Miss Testa |

Fi Ġranet differenti matul il-ġimgħa jkun hemm ukoll l-care-workers.
Is-Segretarju SAS jkun l-Uffiċċju SAS l-Erbgħa filgħodu u ġranet oħra filgħaxija. Membri klerikali ta' l-istaff ikunu l-uffiċċju l-ġimgħa kollha filgħodu

**SERVIZZ BIL-MINIBUSES - PROPJU GĦAL MIN ĦAFNA DRABI HU MINSI F'DARU**

Żgur li hawn anzjani fil-parroċċi tagħkom li minħabba l-kundizzjoni tagħhom ma joħorġux. Ejjew niftakru fihom minn żmien għal żmien. Ibbukkjaw Ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-komunità. Ċemplu 21226920 u ħallu messaġġ fuq l-Answering Machine u s-Sur Joe Theuma jċempel lura hu stes - Mobile Joe Theuma - 99452768. F'kas ta' diffikultà ċemplu uffiċċju SAS 21220286.

**Il-President u l-Kunsill tas-Segretarjat Assistenza Soċjali**
**Ta' l-Azzjoni Kattolika għandu l-pjaċir jistieden lill-Membri ta'**
**l-Azzjoni Kattolika għall-Quddiesa Konċelebrata ta' Radd il-Ħajr,**
**Mill-E.T. Mons. P. Cremona li se ssir nhar il-Ħamis, 10 ta' Mejju 2007**
**Fis-6.30 p.m. fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju, Floriana,**
**Fl-okkażjoni ta' l-45 sena mit-Twaqqif tas-Segretarjat Assistenza Soċjali**

Huwa xieraq li flimkien, bħala membri ta' l-Azzjoni Kattolika, nirringrazzjaw 'l Alla tal-ħidma li saret tul dawn is-snin kollha u nitolbuh inebbaħna b'dak li jrid minna f'dak li hu servizz ma' ħutna fil-bżonn.

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il-programm li tippreżenta l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità bl-isem SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m. fuq Radju Malta.
Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal Mejju 2007:- 6, 13, 20 u 27.
Eżekuttiv - **Nhar l-Erbgħa 9 ta' Mejju, 2007 fis-6.00 p.m.**
**Laqgħa mar-Redentur -** Nhar is-Sibt 16 ta' Ġunju 2007 se jkollna l-laqgħa annwali mar-Redentur fl-Isla. Aktar dettalji jingħataw fil-ħarġa ta' l-Information Sheet ta' Ġunju.

## MOVIMENT GĦALLIEMA KATTOLIĊI

**L-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2007** **Kors ta' Spiritwalità LaSaljana, fis-6.00 p.m.**
**L-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2007** **Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m.**
Għal aktar informazzjoni ċemplu fuq 21374466

## Fergħa Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Ż.A.K.

| | |
|---|---|
| 6 ta' Mejju | Oradisney hija paradija organizzata minn ŻAK Mġarr. |
| 7 ta' Mejju | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara |
| 12 ta' Mejju | Membri taż-ŻAK jinġabru flimkien sabiex jaraw il-Eurovision Song Contest |
| 13 ta' Mejju | Support group għal leaders taż-ŻAK. |
| 16-20 ta' Mejju | Xi membri se jmorru għal Euroforum ġo l-Iżvizzera. |
| 21 ta' Mejju | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara. |

**Għal aktar informazzjoni u tagħrif li jiġi aġġornat kuljum żuru www.zakmalta.org**

## Radju Marija

**Infakkrukom li l-Programm ta' l-Azzjoni Kattolika "Mill-Ħuġġieġa" fuq Radju Marija jixxandar kull nhar ta' Tnejn bejn il-11.00 a.m. - 12.00 a.m. b'ripetizzjoni nhar ta' Sibt bejn il-5.00 a.m. u s-6.00 a.m.**

## L-Information Sheet Bl-email

**Tixtieq tirċievi l-Information Sheet bl-email? Ibgħat it-talba tiegħek permezz ta' e-mail indirizzata lill-webmaster@akmalta.org**

## Adorazzjoni għal Vokazzjonijiet

Fis-Seminarju tal-Virtù, Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-5.30 p.m. u s-6.30 p.m. L-iskop huwa li nitolbu għall-Vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-Ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat. Min jixtieq imur iċempel lil Mrs. C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851. Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.

## Ċenaklu Għad-Diriġenti Ċentrali

**Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Mejju**
**Fis-6.00 p.m. f'Sala Dandria,**
**Istitut Kattoliku, Floriana.**
**Il-Membri tad-Direttorju Ġenerali u tal-Kunsilli u**
**Kummissjonijiet Ċentrali huma mħeġġa li jattendu**.

## Pellegrinaġġ Nazzjonali Marjan

f'Ġieħ Il-Madonna ta' Pompei
fil-Parroċċa ta' Marsaxlokk
Nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju fis-7.00 p.m.
Wara jkun hemm konċelebrazzjoni. Nitolbukom ukoll ixxandru avviż fejn tħeġġu lin-nies tal-parroċċa tagħkom biex jattendu għall-pellegrinaġġ.
**Ninkuraġġixxu wkoll lil min jorganizza 'private' għall-okkażjoni.**

**LOTTERIJA LI SARET NHAR L-ERBGĦA, 25 TA' APRIL 2007 B'RISQ L-AZZJONI KATTOLIKA**

| | |
|---|---|
| L-EWWEL PREMJU | CANTEEN SET IN PRESENTATION BOX - VALUR TA' LM100<br>BILJETT NUMRU 25525 - Eur. Ing. Carmel J. Attard - Mosta |
| IT-TIENI PREMJU | STRING OF WHITE FRESH WATER PEARLS - VALUR TA' LM58<br>BILJETT NUMRU 13626 - M'Assunta Zammit - Valletta |
| IT-TIELET PREMJU | ALCATEL MOBILE PHONE - VALUR TA' LM40<br>BILJETT NUMRU 20401 - Rita Farrugia - Cospicua |
| IR-RABA' PREMJU | HAND CROCHET SINGLE BEDSPREAD - VALUR TA' Lm40<br>BILJETT NUMRU 22011 - May Russell - Hamrun |
| IL-ĦAMES PREMJU | GIFT VOUCHER - CARINA BOUTIQUE - VALUR TA' LM20<br>BILJETT NUMRU 24892 - N. Galea - Siggiewi |
| IS-SITT PREMJU | GIFT VOUCHER - MICHELE PERESSO GROUP - VALUR TA' LM20<br>BILJETT NUMRU 22526 - Amabile Borg |
| IS-SEBA' PREMJU | GIFT VOUCHER - ASCOT HOUSE - VALUR TA' LM15<br>BILJETT NUMRU 12900 - N. Galea - Sliema |
| IT-TMIEN PREMJU | HAMPER - WANDS LTD - VALUR TA' LM12<br>BILJETT NUMRU 24147 - M'Grace Farrugia - Qormi |
| ID-DISA' PREMJU | HAMPER - WANDS LTD - VALUR TA' LM12<br>BILJETT NUMRU 5000 - H.J. Bellizzi |

## KUMMISSJONI FUND-RAISING BUFFET Għal JUM l-OMM

IL-HADD 20 TA' Mejju 2007 Ħin : 12.30 p.m għas-1.00 p.m.

**The Chapels Restaurant Santa Maria Hotel - San Pawl il-Bahar**

Wara waqfa fi żmien ir-Randan issa sejrin nerġgħu nibdew l-attività tas-soltu jiġifieri xi ikla tajba. Fuq talba ġenerali sejrin inżommu dan l-appuntament għal nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju f'The Chapels Restaurant, Santa Maria Hotel, San Pawl il-Baħar. Wara l-attivitajiet li diġà għamilna f'dan il-post ħafna minn dawk li jattendu għal dawn l-attivitajiet regolari talbuna biex nerġgħu mmorru f'dan il-post fejn sibna kemm il-kwalità kif ukoll il-kwantità ta' l-ikel tajjeb ħafna. It-13 ta' Mejju sejrin inħalluha għal laqgħat tal-familja u aħna ħa niltaqgħu fl-20 ta' Mejju, fejn sejrin niċċelebraw Jum l-Omm bejnietna.

**STARTERS** **LASAGNE AL FORNO**

Made with Layers of Pasta pure ground minced beef, tomato concasse, bechamel sauce, and oven baked.

**ANTIPASTO**

**A selection of Salads & Cold Meats from the Cold Buffet Display**

**Penne Cesar**

Served with smoked ham, chicken fillets in tomato and cream sauce, flavoured with sage and rosemary.

**Capuccino of Mushroom Soup**

Garnished with garlic snippets

**Pizza Quattro formaggi**

Home made Pizza, topped with 4 types of cheese on a tomato base.

**MAIN COURSE** **FROM THE CARVERY**

**Roast Leg of Pork served with Apple Sauce**

**Corn Fed Chicken**

**Served in tarragon and cream sauce**

**Minute Steak Au Poivre**

**Served in a Cream, Brandy & Peppercorn Sauce**

**Local Fish Fillets A La Maltaise**

**Served with olives, tomatoes Basil and white wine & local fresh herbs**

**Beef Curry**

**Served with the traditional accompaniments on a bed of Rice**

**Vegetable Chow Mein** Mixed Vegetables including Onions & Carrots flavoured with Soya Sauce and Five Spices mixed with noodles. All the above is served with fresh market vegetables, roast potatoes & French fries

Sweet Endings A selection of Desserts prepared by our Pastry Chef to make your mouth water ! Il-kitba sal-Ħamis 17 ta' Mejju 2007 fis-Segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika fl-Istitut Kattoliku, Floriana, Tel - 21222239. Jekk jogħĠbok għid ma' min tixtieq toqgħod fuq il-mejda. Prezz: Kbar Lm6.00. Tfal taħt it-tnax il-sena Lm3.00. Trasport Mrs Marie Bartolo - Tel: 21221931

Jekk taf lil xi ħadd li għandu xi kumpannija, negozju jew ħanut jew xi ħaġa x'jirreklama, issa iċ-ċans, fil-Ħuġġieġa, jista jagħmel dan. Għal aktar informazzjoni wieħed jista jikkuntatja lil Ms Joyce Pullicino fuq email: webmaster@akmalta.org jew iċempel fuq in-numru tat-telefon 21 222239 jew 21 237031 fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju u nikkuntatjawk lura.

Il-prezzijiet huma:

Kwart ta' Paġna – Lm 10 + 18% = Lm 11.80 *kull ħarġa*
Nofs Paġna – Lm 20 + 18% = Lm 23.60 *kull ħarġa*

*Grazzi ta' l-ghajnuna.*

***Librerija Azzjoni Kattolika - Floriana***

*Wieħed isib:*

*Kull tip ta' kotba reliġjuzi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.*

*Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'Go Mobile'.*
*Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.*

*Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar*
*4 sas 7.30 ta' filgħaxija*
*is-Sibt – filgħodu biss*





*Tel: 21 237031*

*Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.*





**TRID TAGĦTI RIGAL DIFFERENTI**

**GĦAL JUM L-OMM**

**ZUR IL-LIBRERIJA TA' L-AZZJONI KATTOLIKA L-FURJANA U ZGUR ISSIB DAK LI TIXTIEQ**







*Nota:*

*Dawk kollha li għadhom ma bagħtux ir-rendikont finanzjarju għas-sena 2006 huma mitluba jagħmlu dan mill-aktar fis..*

*Grazzi*
*Amministratur Generali*


# OFFERTA SPEĊJALI

## CD'S TA' DAVID AZZOPARDI

**GĦANJA ĠDIDA, WIĊĊ IMB WIĊĊ, ILMA ĠIERI**
**U CHRISTMAS ALBUM**

## GĦALL- PREZZ SPEĊJALI TA' LM 2

***Mill-Librerija ta'***
***l-Azzjoni Kattolika - Floriana***

# L-AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA

## SER TORGANIŻŻA

## ŻEWĠ ĠITI FIS-SAJF



# GĦALL-LOURDES FI FRANZA

IMEXXIJA MINN PATRI DAMIAN CACHIA ASSISTENT EKKLESJASTIKU

## DATI: MIT-13 – 18 T'AWISSU

## U MILL- 31T'AWISSU SAS-7 TA' SETTEMBRU



GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI
ĊEMPLU 21 222239